2024/742

23.2.2024

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2024/742

tal-20 ta' Frar 2024

dwar l-estensjoni tal-mandat tal-President tal-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea), u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 48(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Bord tas-Superviżuri tal-Awtorità Bankarja Ewropea,

Billi:

(1) Fid-19 ta' Frar 2019, il-Bord tas-Superviżuri tal-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA) għażel lis-Sur José Manuel CAMPA bħala President tal-EBA ("il-President"). Il-Parlament Ewropew approva dik il-proposta fl-14 ta' Marzu 2019.

(2) Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 ġie emendat bir-Regolament (UE) 2019/2175 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) fir-rigward, inter alia, tal-proċedura għall-estensjoni tal-mandat tal-President.

(3) F'konformità mal-Artikolu 48(4) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 kif emendat, il-Kunsill, abbażi ta' proposta mfassla mill-Bord tas-Superviżuri tal-EBA, u bl-assistenza tal-Kummissjoni, u b'kont meħud tal-evalwazzjoni ta' dak il-Bord tas-Superviżuri, jista' jestendi l-mandat tal-President.

(4) Skont l-Artikolu 48(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, il-mandat tal-President huwa ta' ħames snin u jista' jiġi estiż darba.

(5) Fit-18 ta' Ottubru 2023, il-Kunsill irċieva l-proposta mill-Bord tas-Superviżuri tal-EBA għall-estensjoni tal-mandat tal-President attwali,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-mandat tas-Sur José Manuel CAMPA, President tal-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA), huwa b'dan imġedded għal perjodu ta' ħames snin mit-30 ta' April 2024.

([1]) ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12.

([2]) Ir-Regolament (UE) 2019/2175 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2019 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea), ir-Regolament (UE) Nru 1094/2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol), ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq), ir-Regolament (UE) Nru 600/2014 dwar is-swieq tal-istrumenti finanzjarji, ir-Regolament (UE) 2016/1011 dwar l-indiċi użati bħala parametri referenzjarji fi strumenti finanzjarji u kuntratti finanzjarji jew dwar il-kejl tal-prestazzjoni ta' fondi ta' investiment, u r-Regolament (UE) 2015/847 dwar l-informazzjoni li takkumpanja t-trasferimenti ta' fondi (ĠU L 334, 27.12.2019, p. 1).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussell, l-20 ta' Frar 2024.

Għall-Kunsill
Il-President
H. LAHBIB